# Paċi u Ġid

No. 96: Frar 2021

"Noħolmu bħala umanità waħda ... kull wieħed u waħda bil-leħen tiegħu, ilkoll aħwa!

Papa Franġisku



# Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
# Sr Claudia Zammit
**140 Sena Anniversarju tal-Bidu tal-Kongregazzjoni tagħna**



Għeżież Qarrejja,

Matul dis-sena, aħna, s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù qed infakkru l-ġrajja tal-140 Anniversarju minn meta ġie maħruġ id-Digriet li japprova l-bidu tal-Kongregazzjoni tagħna. Din il-ġrajja hekk għażiża għalina, iġġeddidna bl-entużjażmu biex inkomplu nifhmu aħjar il-kariżma tagħna u l-ispiritwalità Franġiskana, li kienet fil-qalb tal-Fundaturi l-Venerabbli Madre Margerita u Dun Gużepp Diacono kif ukoll tal-ewwel sorijiet.



Meta nħarsu mill-qrib lejn il-Fundaturi, nilmħu u nammiraw fihom il-virtujiet li għexu u li nistgħu ngħixuhom aħna wkoll fiż-żminijiet tal-lum. Kienu persuni ta' talb u għarfu jgħaqqdu t-talb mal-appostolat. Dun Ġużepp Diacono jgħidilna:
*"It-talb hu dak il-mezz li mingħajru ma naqilgħu xejn mis-sema, filwaqt li bih naqilgħu kollox mingħand Alla."*
L-iskop tat-talb nilħquh billi ngħixu fil-preżenza t'Alla,
noffrulu kulma nkunu se nagħmlu u li ma nafdawx fina nfusna. Il-ħajja nisranija bla talb hi bħal meta għandek bniedem nieqes mill-ossiġnu li hu tant neċessarju biex jgħix, u mingħajru jispiċċa jifga u jmut. Madre Margerita ttennielna:

*"Ir-ruħ tfittex il-mistrieħ u l-kwiet fil-Ħdan ta' Dak li waħdu hu biżżejjed għall-ħlejqa umana."*
Alla għandu jkun fiċ-ċentru tal-ħajja tan-nisrani.



Fl-istorja tagħna naqraw li kien Dun Ġużepp Diacono li fforma l-ħajja spiritwali ta' Madre Margerita fl-iskola tad-Devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù fl-Ewkaristija. Huma kellhom imħabba speċjali lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Sa minn ċkunitha, wieħed seta' jilmaħ f'Madre Margerita li din l-imħabba vera lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Hija ma kienet titlef l-ebda okkażjoni li tmur f'riġlejH. Meta kibret u saret reliġjuża, l-Ewkaristija saret il-fus tal-ħajja spiritwali tagħha. Kienet tgħaddi sigħat twal




quddiem it-Tabernaklu. Hemm kienet issib il-mistrieħ fit-toqol tal-ħajja waqt li ta' spiss kienet ittenni lis-sorijiet sħabha:

**"Fittex dejjem il-kumpanija ta' Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu. Minn hemm ħu l-għajnuna, il-faraġ u d-dawl li għandek bżonn".**

Fuq l-eżempju tagħha aħna wkoll nistgħu nitħeġġu b'din l-imħabba lejn Ġesù fl-Ewkaristija u meta nkunu f'riġlejH, inferrgħu kemm il-ferħ kif ukoll it-tbatijiet tagħna. B'dan il-mod inkomplu nikbru fil-fidi tagħna filwaqt li napprezzaw l-imħabba t'Alla għalina.

Waqt li nammiraw il-virtujiet li għexu l-Fundaturi tagħna, inkomplu nroddu ħajr u nfaħħru lil Alla għal dawn id-doni prezzjużi, li permezz tagħhom l-Ispirtu s-Santu żera' fil-Knisja żerriegħa ċkejkna li nibtet u sal-lum saret siġra kbira li l-friegħi tagħha nfirxu mal-kontinenti kollha. B'radd ta' ħajr f'qalbna għall-ġid kollu li Alla għamel magħna u permezz tagħna, nitolbu biex il-Mulej ikompli jsejjaħ aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħu biex ikompli jsir il-ġid kulfejn ninsabu mxerrdin.



Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*

## Ħidma Kbira fis-skiet
## Ġieħ in-Nadur 2020
## Lis-Sorijiet Franġiskani



Nhar it-tlettax ta' Novembru 2020, is-Sorijiet tagħna ġewwa n-Nadur Għawdex ġew mogħtija Ġieħ in-Nadur 2020. Hekk kif esprimew tajjeb il-kunsilliera tar-raħal tan-Nadur, dan hu

> *"Mument speċjali, b'waħda mill-isbaħ serati li qatt organizzajna, u kif jixirqilhom. 100 sena ta' storja, ħidma bla heda fis-skiet u ġid kbir b'umiltà. 100 sena ta' tagħlim, talb, katekeżi, sagrifiċċju u servizz lill-parroċċa u komunità fin-Nadur. Il-Kunsill Lokali tan-Nadur sodisfatt bit-23 għażla għal dan il-premju. KBURIN BIKOM!"*

Huwa ta' unur u pjaċir kbir li s-Sorijiet Franġiskani kienu u għadhom preżenza ħajja f'din il-lokalità. Madanakollu, hekk kif stqarret Madre Vitaliana Zammit fl-ittra tagħha t'apprezzament lill-Kunsill tan-Nadur, hija tgħid:

> *"Jekk is-Sorijiet kien jixirqilhom dan il-Ġieħ għall-ħidma kbira tagħhom ta' mitt sena fis-skiet, però dan ma kienx ikun possibbli kieku ma sabux il-kooperazzjoni u l-għajnuna tan-nies ġenerużi tan-Nadur."*

Jalla nibqgħu nkunu xhieda ta' Ġesù fuq l-eżempju ta' Madre Margerita kull fejn inkunu u ma' kull min niltaqgħu.

Għal din is-serata, il-Kav. Joe M. Attard kiteb poeżija ddedikata għal dan l-avveniment ta' Ġieħ in-Nadur li tindirizza lis-Sorijiet Franġiskani li ħadmu jew għadhom qed jaħdmu ġewwa dan ir-raħal.

## Ġieħ in-Nadur lis-Sorijiet Franġiskani

**Kav. Joe M. Attard**

**Novembru 2020**

Bil-ferħ ilqajt l-istedina
Illi nikteb dawn il-vrus
M'inix nigdeb, imm'emmnuni
Mill-qalb ħarġu dawn il-ħsus!

Din is-sena ġew qaluli
Illi mess lis-Sorijiet
Illi jirbħu dan il-Premju
Illi jgħixu hawn fis-skiet.

Waqt illi dejjem jitolbu
Għan-nies kollha tan-Nadur
Biex fuqhom jissawbu dejjem
Ġid u hena għall-futur.

Min jaf kemm tfal minn idejhom
Tgħallmu w trawmu tul is-snin
Biex illum għandhom familja
U qed jgħixu lkoll henjin.

Servizz jagħtu wkoll fil-knisja
Illi tmiss ma' dal-kunvent
Sajf u xitwa, fil-ħarifa
U issa li ġej l-Avvent.

Madre Gemma, madre twajba
Għexet hawn għal bosta snin
Dejjem kienet ta' eżempju -
Qiegħda issa tgawdi d-Divin.

Madre oħra hi Bertilla
Persuna b'qalb l-aktar kbira
Fin-Nadur twieldet u kibret
Bi tbissima, bla tgergira!

Mill-għatba tal-bieb 'il ġewwa
Issib hawn tliet sorijiet -
Swor Virġinja, Dorothea,
U l-Madre m'għandhiex kwiet.

Dejjem sejra sabiex tara
Li d-dar timxi bla inkwiet
U meta l-buqxiex le jwassal
Titfa' ħarstha fis-Smewwiet.

Fin-Nadur il-Kunsill ħadem
Sabiex jara n-Nadurin
'Il quddiem miexja fil-paċi
U għal dejjem magħqudin.

Bwiebu huma dejjem miftuħa
Biex isostni lil kulħadd
U l-għajnuna dejjem jagħti
Bla ma jħares lejn wiċċ ħadd.

Deherlu li kellu jiftakar
Ukoll f'dawn il-Franġiskani
Ulied Madre Margerita
Imferrxin mal-Oċeani!

Ejjew mela ma' dawn ħutna
Mehdijin fix-xogħol u t-talb
Nifirħulhom, nawgurawlhom
Għomor twil, saħħa mill-qalb.

O Madonna tal-Karmelu
Itfa' l-ħarsa ħelwa tiegħek
Fuq din il-Komunità mbierka
Ħaġa waħda żommha miegħek.

U lil dawn iż-Żewġ Kolonni
Glorja w ġieħ in-Nadurin -
Ħarsuna minn dan il-Virus,
'Tuna jiem sbieħ u ħelwin.

Mulej itfa' ħarstek fuqna
U eħlisna minn dal-mewġ
Biex fis-sajf ngħajtu ferħana
'Evviva tagħna 'ż-Żewġ'!

Jalla jkollna Milied hieni
Sabiex ngħixu lkoll henjin;
Beraħ niftħu bibien qalbna
Biex jidħol Ġesù Bambin.

Wara dawna l-Mitt sena
X'sa nixtieq lis-Sorijiet!
Illi jgħixu hawn ferħana
Jaħdmu w jitolbu fis-skiet!

## L-Attivitajiet matul l-Ewwel Term f'St Francis School Cospicua u Santa Luċija

Għalkemm din is-sena skolastika hija straordinarja minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid19 u l-miżuri ta' mitigazzjoni li ħadna, l-iskejjel tagħna xorta baqgħu għaddejjin bl-attivitajiet. Uħud minn dawn kienu parti mill-kurrikulu u oħrajn mill-proġetti li għaddejjin fl-iskejjel.

Bħala komunità edukattiva, aħna nħaddnu l-ħsieb li n-natura hija edukatriċi importanti. F'waħda mill-ewwel attivitajiet li organizzajna, tlabna lit-tfal biex jieħdu xi ritratti tagħhom meta jkunu fil-kampanja. Din l-attività kienet tifforma parti mill-proġett LEAF li l-iskola tieħu sehem fih minn sena għall-oħra. Spikkaw ritratti sbieħ li juru lill-istudenti tagħna jgawdu t-tfulija tagħhom fl-apert, jammiraw in-natura u jagħmlu l-eżerċizzju, kif tistgħu taraw f'dawn ir-ritratti:





Fil-ġimgħa kontra l-bullying, l-edukaturi għamlu enfasi dwar dan waqt it-tagħlim fil-klassijiet permezz ta' filmati, stejjer, u diskussjonijiet u anke kitbiet mit-tfal.  B'hekk kien aktar faċli għat-tfal, f'dawn iċ-ċirkustanzi limitati, biex jifhmu l-importanza tal-inklużjoni u r-rispett.





Ġewwa Cospicua, bħala komunità nisranija xtaqna li l-COVID19 ma twaqqafniex milli norganizzaw il-quddiesa ta' kull xahar għat-tfal tagħna.  Fr Tonio, id-direttur spiritwali tal-iskola, kien ukoll ħerqan li jżomm il-kuntatt mat-tfal u aċċetta bil-qalb kollha li jiġi darbtejn fix-xahar minħabba l-iskeda tal-attendenza biex iqaddes quddiesa b'mod virtwali lit-tfal.  B'hekk it-tfal ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-quddiesa billi jsegwu minn fuq l-interactive board mill-klassi tagħhom. Dan il-quddies jiġi wkoll trażmess dirett fuq il-paġna ta' Facebook tal-iskola biex ikunu jistgħu jingħaqdu l-ġenituri wkoll.  L-istess sar għat-tberik tal-girlanda tal-iskola u għall-messaġġ tal-awguri tal-Milied li Fr Tonio għadda lit-tfal u l-familji tagħhom.




Smart Kids for a Digital World huwa wieħed mill-proġetti tal-Erasmus+ li qed nieħdu sehem fih. L-għan ta' dan il-proġett huwa li t-tfal jitgħallmu jagħmlu użu tajjeb mill-għodod diġitali mingħajr ma jinqatgħu minn dawk ta' madwarhom. Għalhekk, uħud mill-klassijiet ħadmu fuq logħob tradizzjonali Malti u oħrajn qasmu l-esperjenza tagħhom f'konferenzi virtwali ma' tfal barranin li qed jieħdu sehem fl-istess proġett. F'wieħed mir-ritratti t'hawn taħt jidhru wħud mit-tfal qed jilagħbu l-logħba, 'Bumm Bumm il-Bieb' filwaqt li l-ieħor inġibed waqt waħda mill-konferenzi virtwali mal-istudenti tal-iskola Spanjola li qed jieħdu sehem fl-istess proġett.




It-tieni proġett tal-Erasmus+ li l-iskola tipparteċipa fih huwa Mindfulness & Wellbeing in European Schools. Dan il-proġett jagħti importanza lill-benesseri tat-tfal u għadu fil-bidu tiegħu. Bħala l-ewwel attivitajiet tal-proġett, matul dan it-term, l-istudenti tagħna diġà ħadu sehem fl-għażla tal-logo u l-aħjar tnejn ikkompetew virtwalment mal-aħjar logos maħluqa mill-istudenti barranin. Dawn huma xi eżempji ta' tpinġijiet tal-istudenti waqt it-tħejjija tagħhom:






Biex ngħinu lit-tfal jidħlu aktar fl-ispirtu tal-Avvent, ħsibna li nagħmlu diversi attivitajiet li jgħinuhom ikunu aktar preparati għaż-żmien qaddis tal-Milied. L-ewwel waħda kienet Casual Day b'risq Church Schools Children's Funds fi ħdan is-Segretarjat għall-Edukazzjoni Nisranija li tipprovdi għajnuna lil dawk it-tfal li għal xi raġuni jew oħra jeħtieġu l-għajnuna. It-tfal setgħu jiġu lebsin casual u jagħmlu xagħarhom kif jixtiequ. Is-somma li nġabret intbagħtet bħala donazzjoni għal dan il-fond. Attività oħra li saret fl-iskola kienet dik marbuta mal-kartolini li tħejjew biex jintbagħtu lill-anzjani li jgħixu waħedhom. It-tfal ħadu din l-inizzjattiva bis-serjetà meta raw li l-messaġġi t'awguri tagħhom kienu ser jaslu għand anzjani li jgħixu waħedhom u li kienu ser iġibu ħafna ferħ.




Fl-iskola ġdida tagħna f'Santa Luċija wkoll saru ħafna attivitajiet matul dan it-term. It-tfal iħobbu ħafna x-xjenza. L-għaxqa tagħhom jesperimentaw u josservaw il-bidla fil-pjanti li

kienu jħawlu huma stess.







Bil-għajnuna tal-għalliema, iż-żgħar tagħna kitbu l-ittri tagħhom lil Santa Klaws biex jgħidulu x'jixtiequ dan il-Milied u impustawhom ukoll! Ħawlu wkoll il-ġulbiena bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' żmien il-Milied.







Dawn kienu biss ftit mill-attivitajiet li saru matul l-ewwel term fl-iskejjel tagħna. Issa qed inħarsu 'l quddiem għal term ieħor biex bl-għajnuna ta' Alla nkunu nistgħu nkomplu bil-ħidma edukattiva tagħna.

**********************************************************************************************************************************************

**7 TRASH LESS .... To BUY LESS .... to generate LESS WASTE .. to protect "our common home"**
**by St Francis Victoria, Gozo**

Following in the footsteps of our Father St Francis, and the teachings of Pope Francis particularly in his Encyclical letter "Laudato sii", on care for our common home, every year, our school plans a number of projects to encourage our students to work in favour of the environment and seek ways to protect it. One of the international projects that our school participates in every year is the European Week for Waste Reduction (EWWR). This year this was held between the 21 November and the 29 November, and the topic chosen was "Invisible waste", something most of us are unaware of.




"Invisible waste" is the amount of waste generated during the manufacturing process of a product, and this is commonly much greater than the product itself.



We therefore asked the children to try and find something in their home, or their grandparents' home, since some children spend most of their time with their grandparents, which was broken or torn, and which was going to be thrown away, and instead ask an adult to help them mend it. The children managed to mend quite a long list of items, including sunglasses, different toys, books, lampshades, plates, and other household goods, religious items, telephones and controls, and much more ….Children sent photos and video clips showing them "at work". Other items were brought to school during the week and taken to the "Repair Café" run by our IT technician. Our handyman Joseph had to help out too, but unfortunately he had a nasty car accident the week before and so couldn't make it. We saw the effectiveness of such "repair cafes" in action in Bonn, Germany some years back when the school had won a "Fairtrade" competition, and so we already had an idea of how they function.





The fact that the students gave a new lease of life to the broken or torn things filled them with great satisfaction, and they felt truly proud of themselves for achieving something worthwhile. The smiles on their faces as they admired the finished product speak a thousand words!!!

The students also had the opportunity of sharing their experience with their peers in class as they showed them the mended item, or photos of it.

Each child who participated received the following message:



**Well done! By mending (the broken/torn items) you managed to decrease the waste thrown into our landfills, not only for the items you mended but also because the production of their replacement would have generated a lot of "invisible waste" - try to learn what this is and what harm it is doing to our environment!!**




And in this way, students were encouraged to carry out some research to find out how much invisible waste they had prevented by mending the item, instead of buying a replacement. From the information collected a very explanatory powerpoint presentation was prepared and shown to the students in their respective classrooms, followed by a discussion, according to the children's ages.

In this way, the little trickle which started with mending a broken or torn item, by young students, in a small Kindergarten and Primary school in Gozo, would have a ripple effect, possibly leaving a much greater impact on our students, their families and beyond.

****************************************************************************************************************

**Nhar it-3 ta' Diċembru ċċelebrajnieh b'differenza...jew le?**
**Ms Christine Trevisan - St Francis, Msida**

Xegħlu għajnejn it-tfal, u tbikkmu għajnejn il-kbar, hekk kif xgħelna l-cameras tal-laptops għall-Assembly u fuq l-iscreen rajna lil Sr Carmen. Magħha miġburin qaqoċċa kien hemm uħud minn ħutha s-sorijiet li jgħixu magħha fil-kunvent, fosthom Sr Rodolfa u Sr Grazia. It-3 ta' Diċembru kienet tassew ġurnata speċjali għaliex Sr Carmen kienet qed tiċċelebra għeluq sninha.

It-tfal kienu eċitati ħafna malli raw lil ex-Kap tal-iskola tagħhom permezz ta' Microsoft Teams. Bil-għajnuna ta' Sr Elaine it-tfal infexxew ikantaw Happy Birthday lil Sr Carmen li din min-naħa tagħha kkomoviet ruħha għal dan il-ġest sabiħ mingħand it-tfal. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li minħabba l-pandemija tal-COVID 19, l-iskola kellha tieqaf ħabta u sabta fit-12 ta' Marzu 2020. Aħna bħala skola lanqas biss kellna ċ-ċans li nsellmu lil xulxin, u bħal sajjetta fil-bnazzi, il-bibien tal-iskola kellhom jingħalqu ħesrem.

Naturalment, din is-sitwazzjoni ma kienet faċli għal ħadd! Kellna ħafna pjanijiet li sfaxxaw fix-xejn, fosthom li nsellmu kif kien xieraq lil Sr Carmen li spiċċat karriera twila fil-qasam tal-edukazzjoni. Imma dan inħalluh għal meta nkunu qed ngħixu fi żmien aħjar.

Madankollu, se nieħu din l-okkażjoni sabiex minn hawn nirringrazzja lil Sr Carmen tas-servizz twil li tat lill-iskola tagħna bħala kap ta' skola. Grazzi Sr Carmen ta' kemm kont ta' sapport għalina u kemm ħdimt bla heda sabiex dejjem tara lill-istudenti u l-familji tagħhom kuntenti. F'isem sħabi nixtieq niżżik ħajr tal-ħin u tad-dedikazzjoni tiegħek u ta' kemm kont ta' eżempju

għalina biex lit-tfal dejjem inrawmuhom fl-ispirtu Franġiskan...spirtu ta' mħabba u paċi.



Wara li sellimna lil Sr Carmen komplejna bl-Assembly. It-3 ta' Diċembru hija l-ġurnata internazzjonali li fiha jiġi ċċelebrat Jum il-Persuni b'Diżabilità. Għalhekk ma naqasx ukoll li aħna ġewwa l-iskola tagħna ta' St Francis Imsida, niċċelebraw din il-ġurnata. Kull sena naraw x'nagħmlu u x'nivvintaw biex dejjem inkunu kreattivi u nedukaw liċ-ċkejknin afdati f'idejna. U għamilna l-almu tagħna kollu biex dan jintlaħaq dis-sena wkoll. Permezz ta' PowerPoint wassalna messaġġ lit-tfal li għalkemm min-naħa waħda aħna bħala bnedmin ilkoll kemm aħna għandna d-differenzi tagħna u għalhekk aħna uniċi...mill-banda l-oħra xorta waħda aħna l-istess fis-sens li lkoll kemm aħna tad-demm u l-laħam u jekk xi ħadd se joqrosna se nibku, u jekk xi ħadd jagħraxna se nidħqu. Tgħiduli imma din mhux ovvja? Vera! Imma, jekk irridu nkunu sinċieri, irridu nammettu li mhux dejjem faċli u mhux dejjem komdu għalina biex ngħixu mal-kliem, 'tagħmilx lil għajrek dak li tobgħod għalik nnifsek'.

Komplejna billi spjegajna lit-tfal xi tfisser il-kelma 'Diżabilità'. Hemm diżabilità li tidher bħal ngħidu aħna persuna li tuża s-siġġu tar-roti jew xi ħadd li għandu l-kundizzjoni tad-Down Syndrome. Imma mbagħad hemm pesruni li għandhom diżabilità li ma tidhirx eżempju persuni li jbatu bid-dipressjoni, allerġiji jew dyslexia. Minkejja kollox, fissirna lit-tfal li anki jekk hawn nies li jgħixu b'dawn id-diffikultajiet ta' kuljum, ma jfissirx li ma jistgħux jgħixu l-ħajja tagħhom bħal kulħadd. Urejnihom ukoll filmati fejn tfal żgħar jitkellmu bl-iktar mod liberu fuq id-diżabilità tagħhom jew ta' sħabhom u esprimew kif minkejja kollox, xorta għandhom abbiltajiet li forsi ħaddieħor m'għandux.

U fuq dan il-ħsieb għamilna ftehim bejnietna kollha li aħna m'aħniex se nibqgħu nqisu d-diżabiltà bħala dik ix-xi ħaġa li tiddistingwi l-persuna imma se nkunu ċerti li nħarsu minflok lejn l-abiltà tal-persuna. Fuq kollox hija l-abiltà tal-bniedem li dejjem ressqitu 'l quddiem fil-ħajja biex jgħix aħjar. Kien għalhekk li ħadna dan l-ispunt bħala tluq biex aħna jkollna l-għodda meħtieġa sabiex inkunu nistgħu tabilħaqq ninkludu lil kulħadd. L-ewwel ħaġa li rridu bħala għodda f'idejna hija li nifhmu x'inhi d-diżabbilità biex b'hekk inkunu nistgħu naċċettawha. Il-pass li jmiss wara li nifhmu u naċċettaw id-diżabilità huwa li nitgħallmu u ninformaw ruħna. Huwa b'hekk biss li nkunu nistgħu nuru r-rispett tant mistħoqq. Meta mbagħad ikollna dan ir-rispett, tkun ħaġa faċli li wieħed ikun jista' jagħti kuraġġ lil dak li jkun biex jegħleb id-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom. Fl-aħħar u mhux l-anqas, jekk nifhmu dan kollu, tiġi ħaġa awtomatika biex ma ngħidx ukoll naturali li bla ma rridu aħna stess inkunu l-avukati ta' nies li minħabba l-limitazzjonijiet fiżiċi jew mentali tagħhom, ma jistgħux jieħdu dak li bi dritt huwa tagħhom, jiġifieri, li jgħixu ħajja ferħana bħal kulħadd.




Dan kollu għidnieh b'konvinzjoni kbira u għax veru nemmnu fil-kapaċitajiet tal-bniedem bħala bniedem sħiħ. M'għidniehx għax aħna rasna mgħaddsa fir-ramel u qed noħolmu xi ħaġa li ma tistax isseħħ. Dan iktar u iktar għax meta nħarsu madwarna naraw nies li minkejja d-diżabiltà tagħhom, huma qed jilħqu l-milja tal-ħolm tagħhom. Kien għalhekk li wrejna ħafna ritratti b'eżempji ta' nies Maltin, biex nuru bis-sħiħ li dak li nemmnu fih jista' tabilħaqq iseħħ. Kienu ritratti ta' nies u tfal li minkejja d-diżabilità tagħhom wrew lil kulħadd li huma kapaċi u li bil-ħidma u perserveranza tagħhom setgħu juru b'wiċċhom minn quddiem is-suċċess tagħhom.

Temmejna din il-laqgħa virtwali, billi stedinna lit-tfal kollha tal-iskola biex jgħajtu lkoll flimkien bl-leħen għoli...'JIEN TIFEL KAPAĊI'...'JIEN TIFLA KAPAĊI'. Tistgħu taħsbu l-għajta tat-tfal kif dwiet mal-iskola kollha. Tistgħu timmaġinaw kemm ħadu gost it-tfal jgħajtu biex juru li bejniethom m'hemmx differenza li tisseparahom, m'hemmx diżabilità li se tifridhom. L-għajta kienet waħda li riedet tfisser li, kollha kemm aħna differenti imma fuq kollox aħna uniċi u mimlija abiltà.

****************************************************************************

**Tgħid din is-sena jiġi jżurna San Nikola?**

**Ms Christine Trevisan - St Francis, Msida**

Din is-sena, bħal qatt qabel, kellna nitgħallmu iżjed kif ngħixu iktar il-mument preżenti. Ngħixu kif jgħid il-Malti, ġurnata b'ġurnata. Minkejja li aħna nħobbu nfasslu u nippjanaw, din is-sena żgur li ma stajniex nagħmlu hekk. Kull pjan li kellna għall-ħarġiet edukattivi, kunċerti tat-tfal, festi u saħansitra żwiġijiet kellhom jitħassru ħesrem. U addio pjanijiet u tfassil! Addio purċissjoni bil-Bambin u kunċerti żgħar tal-Milied!

Qalbi ngħafset mhux ftit meta xi tfal ġew jistaqsuni jekk hux se jiġi San Nikola l-iskola bħalma dejjem għamel fis-snin ta' qabel. Kif stajt nagħti tweġiba meta l-inċertezza kiefra li

jerġgħu jagħlqu l-iskejjel baqgħet dejjem imdendla fuq rasna? Kif stajt nagħti tweġiba lit-tfal meta minħabba r-realtà li qed ngħixu fiha bilkemm stajna niltaqgħu? Emmnuni kienet titlagħli għoqla fi griżmejja kull darba li xi tfal staqsewni dawn il-mistoqsijiet u bl-akbar onestà rrid ngħid li ma kontx naf kif inweġibhom!



Imma bl-għajnuna tal-Amministrazzjoni fl-iSkola ta' St Francis fl-Imsida u tal-għalliema, fassalna pjan ta' kif ingawdu l-ferħ li jaf iġib miegħu żmien il-Milied. Fil-fond ta' qalbi jien ukoll, bħall-istudenti ċkejknin tagħna, bqajt nistaqsi: imma tgħid din is-sena jiġi jżurna San Nikola?

Fil-jiem li ddedikajna għall-festa ta' San Nikola bdejna l-ġurnata bħas-soltu bl-assembly. Għal raġunijiet ovvji, l-assemblies din is-sena qed isiru mill-klassijiet bl-użu tal-laptops ħalli nevitaw li niltaqgħu fi gruppi kbar. L-assembly għal din il-ġurnata ta' San Nikola kienet waħda speċjali u bdejna billi rrakkontajna xi ftit mill-ħajja ta' San Nikola nnifsu.

Dan San Nikola kellu ħajja mimlija episodji fejn minkejja li kien l-Isqof ta' Myra, wera kemm kien umli, għen lill-fqir kemm felaħ, qabeż għal batut u għal dawk li kienet qed issir xi inġustizzja magħhom u qatt ma naqas li jkun ġeneruż. Semmejna wkoll kif meta bil-ħila ta' San Nikola salvaw xi nies mill-għarqa waqt maltempata qalila. Storja ħelwa oħra kienet meta San Nikola ta xi deheb lil wieħed raġel li ma kellux biżżejjed flus biex iżewweġ lit-tliet xebbiet li kellu. Darb'oħra dan Nikola għen familja ta' tifel fqajjar billi mar kellem lill-gvernatur ta' dak iż-żmien, u ħeles lill-missier it-tifel u żewġ bdiewa oħra mill-mewt. Mhux ta' b'xejn li San Nikola huwa l-qaddis protettur tat-tfal, xebbiet u anki baħħara!



Din is-sena l-quddiesa ta' San Nikola ġiet trażmessa bil-laptop ukoll. Tħobbhom jew tobgħodhom, dawn l-imberkin ta' computers ma tantx nistgħu ngħaddu mingħajrhom hux vera? Imma tal-inqas, permezz tat-teknoloġija stajna nilħqu lit-tfal aħjar. U ma taqtgħux x'ġara waqt il-Quddiesa? Iva ta! San Nikola ġie jżur lit-tfal tagħna!!

Din is-sorpriża t-tfal ma kinux qed jistennewha. Bħas-soltu San Nikola ħabbat bil-qawwi fuq il-bieb tal-iskola li ħasad mhux ftit lil Fr Joe li dak il-ħin kien qed imexxi l-quddiesa. Fr Joe ukoll kien sorpriż b'din iż-żjara għax minħabba li San Nikola huwa mdaħħal fiż-żmien u allura jaqa' taħt nies vulnerabbli, ma basarx li dis-sena se jkun jista' jivvjaġġa. Imma San Nikola spjegalu li ma setax ma jżurx lit-tfal ta' St Francis tal-Imsida, peress li kien sema' kemm kienu tfal bil-għaqal u kemm kienu ġenerużi li taw għotjiet ta' karità liċ-Church Schools Children's Fund u anki lil Life Network Foundation.



San Nikola kien kemxejn qalbu maqsuma għax ma setax iġib rigal lit-tfal bħalma kien mdorri jagħmel. Kien jaf li dik il-gallettina tal-ġinġer li s-soltu kien iġibilhom miegħu, kienet tinżlilhom għasel lit-tfal (u ngħiduha kif inhi, anki lilna l-kbar)! Imma din is-sena ma kellux ikun. Imma San Nikola xorta waħda kellu l-ikbar rigal għat-tfal. Huwa sostna li l-isbaħ u l-aqwa rigal li wieħed jista' jaqla' għall-Milied huwa Ġesù. Huwa spjega kif dan ir-rigal, Ġesù nnifsu, iġib tant ferħ u hena li ma tixba' minnu qatt – huwa rigal li ma jiswiex flus imma li hu tant meħtieġ għalina sabiex inkunu nistgħu ngħixu f'armonija bejnietna.

Wara l-quddiesa, San Nikola offra li jakkumpanja lil Fr Joe waqt it-tberik tal-Bambini li t-tfal kienu mħeġġin iġibu magħhom f'dan il-jum. L-istudenti stagħġbu mhux ftit hekk kif raw lil San Nikola nnifsu fil-bieb tal-klassi tagħhom. Ferħu ħafna u baqgħu b'ħalqhom miftuħ hekk kif rawh dieħel ġol-klassi, imqar jekk għal żewġ minuti bl-arloġġ kif kien imħeġġeġ jagħmel biex iżomm mal-protokol tal-iskola kontra l-pandemija. Xi tfal kellmuh u oħrajn baqgħu bla kliem. Imma x'tistenna hux! Sorpriża bħal dik!

U għal sena oħra, minkejja d-dubji li qed ngħixu fihom, minkejja li xejn ma nistgħu nippjanaw u nħejju bħas-snin ta' qabel, minkejja l-kuntrarju kollha li ħabbatna wiċċna magħhom, aħna kburin li din is-sena wkoll, konna tant ixxurtjati li San Nikola reġa' ġie jżurna.

U fl-aħħar, jien ukoll, lil dawk it-tfal kollha li ġew jistaqsuni jekk hux se jiġi San Nikola jżurna, b'sodisfazzjon kbir mort u għidtilhom: Qed tara kif anki din is-sena ġie jżurna San Nikola!



**Dawn huma poeżiji miktuba mill-istudenti tal-5 sena fl-iskola ta' St Francis, l-Imsida.**

**Dalwaqt jasal il-Milied**

Dalwaqt jasal il-Milied,
li jġib miegħu ħafna ferħ, hena u barkiet.
It-toroq imżejnin u bin-nies mimlijin,
għax daqt niċċelebraw it-twelid tal-Bambin.

*Nathan Scicluna Year 5*



**Ir-Rigali mberkin!**

Jiena tifla ta' disa' snin,
X'biċċa ġratli x'waħda din!
Fil-Milied inħobb niftaħ ir-rigali,
Imma darba aqta' xi ġrali.

Qomt filgħodu biex niftaħ ir-rigali,
U l-għażiża oħti għamlet bħali.
Fil-ħin u fil-mument,
Ħadd minnha ma kien kuntent.

Il-kaxxi kienu kbar,
Imma r-rigali kien żgħar.
Ma ninsa qatt dak il-Milied,
Kemm għamilt nervi u kemm kelli inkwiet!

*Elise Micallef Year 5*



**Kulħadd maqful id-dar**

Jiena, ħija u sħabi,
kulħadd maqful id-dar!
Kemm qed nieħdu gost nilagħbu
imma lkoll l-iskola nimmisjaw.

Homework għadna nagħmlu s'issa,
dak li l-għalliema online tagħtina.
Studju jkollna wkoll ta' spiss,
għalkemm issa break imiss!

Nibqgħu nilagħbu bla kuntatt,
Ilgħab online ma' kulħadd.
Ludu club ilkoll nilagħbu,
Sa ma fl-aħħar nerġgħu ningħaqdu.

*Anastasia Azzopardi Yr 5*



# “Inħobbu lil Ġesù tagħna l-aktar ħelu, li jħobbna bla qies!

Venerabbli Qaddejja t’Alla
Madre Margerita

Sorijiet Franġiskani
tal-Qalb ta’ Ġesù